MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## MARIO SCERRI

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2009

Talba Numru. 20/2008

Bank of Valletta plc

vs

Joseph Brignoli

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fl-1 ta’ Lulju 2008, li jghid hekk :

‘Peress illi l-konvenut Joseph Brignoli huwa debitur fil-konfront ta’ l-attur Bank of Valletta plc fis-somma ta’ elf erba’ mija u hamsa u sebghin Ewro u wiehed u tmenin centezmu (€1,475.81), rapprezentanti bilanc ta’ debitu f’kont bankarju li gie konvertit f’loan account/s.

Jghid ghalhekk il-konvenut il-ghaliex m’ghandux jigi kkundannat minn dan it-Tribunal sabiex ihallas lill-Bank attur is-somma ta’ elf erba’ mija u hamsa u sebghin Ewro u wiehed u tmenin centezmu (€1,475.81) kif fuq dovuti.

Bl-imghaxijiet mid-data tad-debitu.

Bl-ispejjez kollha nkluzi dawk tal-ittra ufficcjali ta' Marzu 2008, u bl-ingunzjoni tal-konvenut li minn issa jinsab imharrek ghas-subizzjoni'.

Ghalkemm il-konvenut debitament notifikat bl-avviz tat-talba u bl-avviz ghas-smiegh fis-26 ta' Novembru 2008, deher fl-udjenza tat-12 ta' Dicembru 2008, u ddikjara li kien qed jikkontesta t-talba tas-socjeta' attrici, baqa' ma dahhal ebda risposta formali.

Fl-udjenza tal-20 ta' Jannar 2009, sama' lil Joseph Debrincat, impjegat tal-Bank attur, li kkonferma bil-gurament li l-ammont indikat fl-avviz tat-talba ghadu dovut fl-intier tieghu, u li l-konvenut baqa' ma hallas xejn minnu. Ix-xhud spjega wkoll li l-ammont dovut mill-konvenut jorigina minn facilita' ta' credit card li kienet inghatat mill-Bank attur lill-konvenut sa limitu ta' erbgha mitt lira Maltin (Lm400). Ghal bidu l-konvenut kien beda jhallas, izda mbaghad kien waqaf li jaghmel il-pagamenti, u l-Bank kien ikkonverta l-bilanc dovut f'*loan payoff account* fit-2 ta' Marzu 2006. Xehed ukoll li l-konvenut kien raga' beda jaghmel xi pagamenti ohra,  u  mbaghad waqaf.

Fl-udjenza tal-5 ta' Mejju 2009, gewipprezentati kapitoli ghas-subizzjoni tal-konvenut, u fl-udjenza tat-13 ta' Mejju 2009, gew miftuha dawn il-kapitoli, u fl-assenza tal-konvenut nomine wara li gie debitament imsejjah diversi drabi skond il-ligi, u baqa' ma deherx, il-kapitoli gew approvati u meqjusa li gew mistqarra mill-konvenut nomine.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha esibiti.

Ikkunsidra :

Illi permezz tat-talba tieghu l-Bank attur qed jitlob li l-konvenut jgi kkundannat ihallas is-somma ta' elf erbgha mija u hamsa u sebghin Euro u wiehed u tmenin centezmi (€1,475.81). Gew esibiti mill-Bank attur zewg rendikonti

tal-Kont numru 40014954254, wiehed fl-udjenza tat-12 ta' Dicembru 2008, u iehor fl-udjenza  tal-4 ta' Marzu 2009. Inizjalment il-Kont kien igib in-numru 32801233015, u l-bilanc f'dak il-Kont kien gie sussegwentement ittrasferit f'Kont iehor bin-numru 40014954254 fit-2 ta' Marzu 2006. L-ewwel rendikont juri bilanc dovut mill-konvenut ta' tmien mija u sebghin Ewro u tmienja u tletin centesimi (€870.38) f'kapital u mghax sal-ewwel (1) ta' Ottubru 2008. Dan ir-rendikont dokument JD1 huwa r-rendikont aktar aggornat minn dak esibit fl-udjenza  tal-4 ta' Marzu 2009 (markat ukoll bhala dokument JD1),  li dan tal-ahhar juri kif kien il-bilanc fl-istess kont sad-19 ta' Frar 2008. Ir-rendikont esibit fl-udjenza tat-12 ta' Dicembru 2008, juri l-bilanc fil-kont kemm kien fl-ahhar ta' Marzu 2008, u kif gie awmentat ghal €870.38 wara li gie akkumulat l-imghax fl-ahhar ta' Settembru 2008. Il-kawza giet ipprezentata fl-1 ta' Lulju 2008, u l-Bank attur ma ta ebda spjegazzjoni tad-differenza fil-bilanci ta' kwazi d-doppju bejn l-ewwel rendikont u t-tieni rendikont esibiti minnu stess meta z-zewg rendikonti qed jirreferu ghall-istess Kont numru 40014954254, u lanqas ta' x'sar fit-tieni rendikont wara d-19 ta' Frar 2008, meta l-ewwel rendikont minnu esibit jinsab aggornat sal-ahhar ta' Marzu 2008, u dan it-Tribunal  ser joqghod fuq ir-rendikont l-aktar aggornat, u cioe' dak esibit fl-udjenza tat-12 ta' Dicembru 2008, billi anke' t-tieni rendikont jidher li lanqas mhuwa komplet. Ir-rendikont esibit fl-udjenza tat-12 ta' Dicembru 2008, juri bilanc inqas minn dak li qed jitlob il-Bank attur fl-avviz tat-talba. Il-fatt li gew ipprezentati l-kapitoli li baqghu ma gewx ikkontestati, dan it-Tribunal mhuwiex marbut li joqghod dejjem fuq il-prezunta konfessjoni billi jilqa' t-talba attrici b'ghajnejh maghlqua, u ghandha tigi ezaminata bir-reqqa flimkien mal-provi l-ohra kollha. Intqal li '*huwa veru li l-kapitoli, meta s-subent ma jkunx wiegeb ghalihom u ma jkunx iggustifika l-komtumacja, ghandhom jitqiesu bhala konfessjoni. Imma dana ma jfissirx li l-qorti hija obbligata toqghod dejjem fuq dik il-prezunta konfessjoni. Is-subizzjoni hija semplici mezz ta' prova, u ghandha tigi ezaminata u valjata flimkien mal-provi l-ohra kollha tal-kawza, b'mod illi, jekk il-kapitoli ma jkunux konfacenti mal-provi l-ohra tal-kawza, u l-Qorti jidhrilha li ghandha taghti prevalenza lil dawk il-provi l-ohra, il-konfessjoni prezunta*

*derivanti mis-subizzjoni ghandha ccedi quddiem dawk il-provi l-ohra.*' [Prim'Awla, Tabib Dr. Antonio Zammit et vs Francesco Pace et, 28/06/1952 – Kollez. XXXIV.ii.484]. Intqal ukoll li '*l-Qorti mhix obbligata toqghod dejjem u inalterabbilment fuq il-konfessjoni prezunta; ghax is-subizzjoni hija mezz ta' prova u ghandha tigi ezaminata u valjata bhal u flimkien mal-provi l-ohra kollha tal-kawza. Viceversa, il-Qorti ghandha tuza dejjem id-diskrezzjoni taghha u tara x'inhija l-prova l-aktar kredibbli; u dan sal-punt li tista' sahansitra ix-xindi l-prova li gejja mis-subizzjoni*.' [Prim'Awla, Serafina Gatt Cecy vs Emmanuele Formosa, 20/01/1956 – Kollez. XL.ii.702].

Illi mir-rendikont l-aktar aggornat jirrizulta li l-bilanc sat-30 ta' Marzu 2008 kien ta' tmien mija u disgha u ghoxrin Euro u tnejn u sittin centezmu (€829.62), li bl-imghax li gie akkumulat fl-ahhar ta' Settembru 2008, il-bilanc fil-Kont zdiet ghal tmien mija u sebghin Euro u tmienja u tletin centezmi (€870.38) fl-1 ta' Ottubru 2008, u mhux ta' elf erbgha mija u hamsa u sebghin Euro u wiehed u tmenin centezmi (€1,475.81), kif qed jippretendi l-Bank attur, u fin-nuqqas ta' spjegazzjoi cara u konvincenti mill-Bank attur ta' din id-differenza pjuttost sostanzjali bejn rendikont u iehor dwar l-istess kont bankarju, dan it-Tribunal iqis li l-bilanc realment dovut mill-konvenut huwa dak li jirrizulta mir-rendikont esibit fl-udejnza tat-12 ta' Dicembru 2008, billi huwa rendikont komplet ghal perjodu bejn l-ahhar ta' Dicembru 2001 sal-ahhar ta' Settembru 2008. Kien jinkombi fuq il-Bank attur li jgib prova cara u aktar konvincenti tal-bilanc minnu pretis, u mill-provi mressqa dan it-Tribunal mhuwiex konvint li l-Bank wasal ghall-prova li trid il-ligi li huwa dovut l-ammont li qed jitlob.

Ghaldaqstant dan id-Tribunal jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi jilqa' t-talba tal-Bank attur limitatament ghas-somma ta' tmien mija u sebghin Euro u tmienja u tletin centezmi (€870.38), u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-Bank attur is-somma ta' tmien mija u sebghin Euro u tmienja u tletin centezmi (€870.38), ammont dovut mill-konvenut lill-Bank attur ghal flus li l-konvenut kien gibed minn facilita' ta' *credit card* li kien ikkoncedielu l-Bank u li baqa' ma hallashomx lura, u tal-imghax sat-30 ta'

Settembru 2008, bl-imghax ulterjuri skond il-ligi fuq din is-somma b'effett mill-1 ta' Ottubru 2008, sal-eventwali hlas effettiv, u bl-ispejjez kollha gudizzjarji u legali bil-VAT, inkluzi wkoll tal-ittra ufficjali numru 145/2008 tal-10 ta' Marzu 2008, kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------